**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi

**KOMMEMORAZZJONI TA' TMIEM L-EWWEL GWERRA DINJIJA**

Nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru jaħbat il-mitt anniversarju mit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija – gwerra li ħalliet miljuni ta' nies mejtin, fosthom bosta Maltin.

Mad-dinja kollha se ssir kommemorazzjoni ta' dan il-jum b'tifkira ta' dawk li mietu minħabba l-gwerra. Din se ssir, fost l-oħrajn, billi tindaqq mota f'din il-ġurnata.

Mons. Arċisqof irid li kull knisja parrokkjali kif ukoll il-knejjes l-oħra jingħaqdu f'din it-tifkira, li sservi wkoll bħala talba ħerqana għall-paċi u għar-rispett għall-ħajja u d-dinjità ta' kull bniedem. F'Malta, dan isir billi tindaqq mota f'nofsinhar. Għalkemm kien hemm suġġerimenti diversi ta' ħinijiet, Mons. Arċisqof ra li hu aktar f'waqtu lokalment li l-mota ssir f'nofsinhar (li hu 11:00am GMT).

Ir-Rev Arċiprieti u Kappillani u retturi ta' knejjes li rċevew komunikazzjonijiet diversi matul dawn l-aħħar ġimgħat b'indikazzjonijiet diversi ta' ħinijiet għandhom jimxu mad-deċiżjoni ta' Mons. Arċisqof u jdoqqu l-mota f'nofsinhar.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 6 ta' Novembru 2018.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Generali